**Minuti tal-mitejn u tmienja u erbgħin laqgħa tal-Kunsill Lokali Xagħra li saret fl-uffiċċji amministrattivi tal-Kunsill nhar it-Tnejn 7 ta' Diċembru 2009 fis-6.30 p.m. Din hija wkoll l-erbgħin laqgħa tal-ħames leġislatura ta' dan il-Kunsill.**

Il-laqgħa bdiet b'dawn il-membri preżenti :-

| | |
|---|---|
| Sindku : | Joseph Cordina |
| Viċi Sindku : | Il-Viċi Sindku Dr. Christian Zammit |
| Kunsilliera : | Mary Carmen Bajada |
| | Joseph Bartolo |
| | Dr. Kevin Cutajar |
| Skużat: | |
| Uffiċjali : | |
| Segretarju Eżekuttiv | Joseph Azzopardi |

**QARI, KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

Il-Kunsill approva unanimament il-minuti tal-Laqgħa Numru 247 li saret nhar it-Tlieta 17 ta' Novembru 2009 wara li jsiru l-korrezzjonijiet approvati.

Il-Viċi Sindku Christian Zammit staqsa dwar il-proġett tal-*belvedere* fi Triq Knisja li l-Perit Edward Scerri ppreżentalna stima tiegħu u li l-Kunsill irċieva għotja ta' € 15,000 bħala fondi speċjali. Ser ninsistu sabiex dan il-permess jinħareġ ħalli nibdew ix-xogħlijiet. Il-Viċi Sindku staqsa wkoll dwar l-applikazzjoni tal-familja Formosa fi Triq Bullara u s-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li għadu jistenna mingħand l-A.D.T. Hu kompla li attenda laqgħa mas-Supretindent fejn enfasizza ħafna dwar is-sigurta' u xtaq li jiġi jkellem lill-anzjani.

Il-Kunsill iddeċieda li dwar l-applikazzjoni għall-entratura fil-*playing field* ta' Vjal it-Tmienja ta' Settembru, ser nibgħatu *e-mail* lill-M.E.P.A. sabiex possibilment dan il-permess joħroġ ukoll.

Mary Carmen Bajada semmiet l-applikazzjonijiet għall-finanzjament ta' attivitajiet kulturali u talbet li fil-futur ninkludu l-festa ta' Sant'Anton Abbati. Il-Kunsill qabel li meta terġa' tinfetaħ l-iskema nikkunsidraw il-festival tat-tin, villaġġ tal-Milied, il-festa ta' Sant'Anton, l-attivitajiet tal-Karnival u dawk li jfakkru Jum ix-Xagħra.

Mary Carmen Bajada staqsiet dwar ilqugħ għall-ilma fi Pjazza Sant'Anton u s-Sindku Joseph Cordina wieġeb li kien diġa' bagħat lil Anthony Galea pero' ser jerġa' jgħidlu. Hu kompla li l-ħaddiema li għandna mill-E.T.C. qed nużawhom biex inaddfu passaġġ pubbliku li jagħti għall-bajja tar-Ramla, fil-*playing field* ta' Vjal it-8 ta' Settembru u fit-tindif ta' l-*area* madwar l-Għar ta' Calypso. Is-Sindku kompla li tlabna laqgħa mal-

Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma dwar ir-riabilitazzjoni tal-post fejn hemm il-pompa qrib dan l-Għar.

Mary Carmen Bajada staqsiet dwar il-bini ta' ħajt fi Triq Laurent Ropa u ssuġġeriet li f'dan il-post titpoġġa għajn ta' l-ilma bħalma kien hemm fl-antik. Is-Sindku Joseph Cordina wieġeb li l-ħaddiema tal-Gvern Ċentrali għandhom jagħmlu dan ix-xogħol. Is-Segretarju Eżekuttiv innota li Anthony Debono għandu wkoll jivverifika dwar dik it-triq li tieħu minn fejn il-Knisja ta' Ħamet għal Triq Għajn Ħosna.

Joseph Bartolo semma l-bżonn ta' *crash barriers* matul l-aħħar parti ta' Vjal it-Tmienja ta' Settembru u tul il-*belvedere* ta' Triq il-Qaċċa. Ser niktbu lill-Ministru għal Għawdex u nfakkruha wkoll f'dawk li għandhom isiru fil-bidu ta' Triq Għajn Ħosna u Triq il-Qaċċa.

Kevin Cutajar staqsa dwar applikazzjoni għall-bozza ġdida *f'St. Peter and Paul's Court* fi Triq Ġużeppi Grech u s-Sindku Joseph Cordina wieġeb li għadu jistenna appuntament ma' l-uffiċjali tal-Korporazzjoni Enemalta. Hu staqsa dwar seminar organizzat mill-A.D.T. fis-26 ta' Novembru li għalih attenda s-Segretarju Eżekuttiv. F'dan is-seminar ġew diskussi regolamenti ġodda fosthom sabiex isiru x-xogħlijiet fit-toroq fosthom għas-sigurta' u għall-aċċessibbilta'.

Kevin Cutajar semma l-bank li kien nqala' ħdejn il-ġnien tal-Mitħna ta' Kola u s-Sindku Joseph Cordina wieġeb li dan ser jitpoġġa mill-ħaddiema assenjati magħna. Hu staqsa wkoll dwar il-passaġġ ta' l-injam li npoġġu fil-bajja tar-Ramla u l-Kunsill qabel li niktbu lill-M.T.A. għall-finanzjament filwaqt li nitolbu stima tax-xogħol involut.

Kevin Cutajar rrefera għat-talba tiegħu dwar iċ-Ċentru ta' l-Anzjani. Is-Sindku Joseph Cordina wieġeb li meta Mary Refalo jew Nicolina Sultana ma jistgħux jiġu, aħna nippruvaw insibu persuni oħrajn biex jiġu flokhom. Bħalissa qegħdin jaqduna Elizabeth Curmi u Marija Galea. Kevin Cutajar talab li meta jitqabbdu ħaddiema oħrajn bħal f'dan il-każ, il-Kunsill jiġi nfurmat minn qabel. Is-Sindku Joseph Cordina ma qabilx ma' dan.

Il-Kunsill issospenda l-laqgħa bejn is-7.30 p.m. u d-9.30 p.m. sabiex jitkellem ma' Mons. Arċipriet Carmelo Refalo dwar diversi materji, kif ukoll mal-Perit Scerri dwar il-pjanta proposta għal Pjazza Vittorja.

**KOMMUNIKAZZJONIJIET TAS-SINDKU FOSTHOM L-ORGANIŻAZZJONI TAL-KUNĊERT TAL-MILIED U L-FESTI TAL-KARNIVAL, DEVOLUZZJONI TA' L-UFFIĊĊJU AMMINISTRATTIV, TWAQQIF TA' KUMITAT INKARIGAT MILL-ATTIVITAJIET KULTURALI, TIŻJIN TAT-TOROQ FI ŻMIEN IL-FESTI TAL-MILIED, KOMMUNIKAZZJONI MAL-*HERITAGE MALTA* DWAR IR-RESTAWR TAL-MITĦNA TA' KOLA, U MATERJI OĦRA.**

Il-Kunsill iddiskuta l-organizzazzjoni tal-Kunċert tal-Milied li ser isir nhar it-Tlieta 22 ta' Diċembru 2009 fis-7.30 p.m. fil-Bażilika ta' Marija Bambina. Kien hemm qbil li dakinhar isir ukoll ir-riċeviment tar-residenti barranin fix-Xagħra li nfurmajniehom bil-miktub. Ser nikkuntattjaw lil Dun Ġorġ Frendo sabiex niffinalizzaw il-ħlas tas-servizzi

tal-Kor *Laudate Pueri* għal dan il-Kunċert mużikali. Is-Sindku Joseph Cordina nnota li Julia Farrugia ma tistax tippreżenta l-Kunċert tal-Milied. Kevin Cutajar issuġġerixxa u l-Kunsill qabel li nikkuntattjaw lil Claire Agius. Jekk din ma tkunx tista', il-Kunsill qabel li nikkuntattjaw lil Miriam Dalli. Kevin Cutajar staqsa dwar ftehim mal-Kor li ser jagħti s-servizz fil-Kunċert u kien hemm qbil li dan isir. Ser nippruvaw nippromwovu din l-attivita' fuq xi programmi televiżivi lokali. Il-*catering* għal 150 persuna ser isir għand Rose Bartolo u ser ngħidu lil Shaun Sultana għar-ritratti. Is-Segretarju Eżekuttiv qara xi korrispondenza relatata mal-finanzjament ta' din l-attivita'. Infurmajna wkoll lir-residenti barranin bir-riċeviment li ser isir dakinhar stess għalihom fiċ-Ċirklu taż-Żgħażagħ.

Il-Kunsill iddiskuta wkoll it-tiżjin tat-toroq fi żmien il-Milied li ġew armati minn Simon Sultana. L-ispiża m'għandiex teċċedix dik tas-sena li għaddiet, jiġifieri **€ 1,100**. Il-Kunsill qabel ukoll li nikkummissjonaw lil Ġanni Attard għat-tiżjin ta' Pjazza l-Vitorja.

Is-Sindku Joseph Cordina semma li ser inwaqqfu kumitat organizattiv tal-Karnival li jinkludi lil Carmen Cordina, Noel Theuma, Alvin Borg, Lino Pace Taliana u Vicky Xuereb. Il-Kunsill qabel li l-attivita prinċipali Karnivaleska ssir nhar is-Sibt 13 ta' Frar 2009 u dik tan-Nazzarenu ssir nhar il-Ġimgħa 12 ta' Frar 2009. Ser nagħmlu l-ewwel laqgħa s-Sibt 12 ta' Diċembru fit-3 p.m.

Is-Segretarju Eżekuttiv innota li fl-14 ta' Jannar 2010 f'nofsinhar ser niffirmaw id-devoluzzjoni ta' l-uffiċċju amministrattiv fejn ser niddiskutu materji oħra mas-Segretarji Parlamentari Dr. Jason Azzopardi u Dr. Chris Said.

Il-Kunsill qabel li niktbu ittra lill-*Heritage Malta* fejn nitolbuhom id-devoluzzjoni tal-Mitħna ta' Kola wara li naqsu li jirrestawrawha.

Il-Kunsill qabel li nikkuntattjaw lil Joseph Bonello sabiex ikun jista' joffrilna servizz ta' pariri dwar il-ġonna pubbliċi tagħna.

Il-Kunsill iddiskuta l-possibbilta' ta' twaqqif ta' kumitat inkarigat mill-attivitajiet kulturali. Ser nippruvaw nidentifikaw xi persuni għal dan il-għan.

Kevin Cutajar staqsa dwar il-*patching* fi Triq l-Imqades u ser ngħidu lil Salvu Bonello sabiex jagħmel stima. Hu staqsa wkoll dwar xi xogħlijiet fil-kalata tal-boċċi fil-ġnien ta' ħdejn il-Mitħna ta' Kola u s-Sindku Joseph Cordina wieġeb li dalwaqt nagħtu s-siment. Il-Kunsill qabel ukoll dwar x'logħob għat-tfal nistgħu npoġġu f'dawn il-kalati.

Kevin Cutajar ta rendikont tal-programmi ta' l-Unjoni Ewropea li qed jaħdem fuqhom flimkien ma' Mary Carmen Bajada u l-uffiċjal eżekuttiv Ivan Attard. Hu semma l-idea li nużaw il-postijiet ta' interess storiku li għandna fix-Xagħra bħala s-suġġett ta' skambji. Wara diskussjoni kien hemm qbil li nkomplu naħdmu fuq l-iskambji taż-żgħażagħ preferibilment b'opportunita' li niġu ospitati mill-partijiet li nidħlu fi ftehim magħhom.

**QARI TAL-KORRISPONDENZA U LMENTI MIR-RESIDENTI**

1) *Memoes* mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali:

*Memo 79/2009* – Mistoqsijiet Parlamentari dwar knis tat-toroq, investiment fil-faċilitajiet sportivi u użu ta' l-iskejjel statali – dawn ser jiġu mwieġba mis-Segretarju Eżekuttiv;
*Memo 83/2009* – Mistoqsijiet Parlamentari dwar enerġija alternattiva - dawn ser jiġu mwieġba mis-Segretarju Eżekuttiv.

2) *E-mail* mid-Direttur tal-Gvern Lokali dwar il-premju *Destinations of Excellence* li d-data ta' l-għeluq tiegħu hi l-15 ta' Frar 2010.

3) *E-mail* mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali b'kopja ta' korrispondenza lid-Dipartiment għat-Tmexxija tal-Proprjeta' dwar id-devoluzzjoni ta' l-*area* madwar l-Għar ta' Calypso. Inqrat ukoll korrispondenza mill-Ministru għal Għawdex dwar xi studji li qed isiru u x'passi ittieħdu min-naħa tagħhom.

4) *E-mail* oħra mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar rikordjar ta' programm fis-17 ta' Diċembru 2009 li jitratta l-attivitajiet tal-Milied. Ser jattendu s-Sindku Joseph Cordina u l-Arċipriet Mons. Carmelo Refalo.

5) *E-mail* mid-Direttur tal-Gvern Lokali dwar dettalji li jittrattaw l-offerta tal-ġbir ta' skart.

6) Ittra mid-Direttur tal-Gvern Lokali fejn infurmana li aċċettaw il-posponiment tal-fondi relatati ma' l-aċċessibbilta' bil-kundizzjoni li x-xogħlijiet jitlestew sa' Settembru 2010.

7) Skema Inizjattivi għall-attivitajiet kulturali fl-2010 fejn il-Kunsill Lokali Żebbuġ u aħna ġejna mogħtija € 5,000 għal Festa Pawlina f'Marsalforn f'Jannar li gej. Il-Kunsill qabel li jikkommetti l-ammont ta' € 500 għal din l-attivita'.

Il-Kunsill ġie mogħti € 5,000 għal attivita' kulturali li applikajna sabiex norganizzaw fil-11/12 ta' Ġunju 2010. Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel li jikkommetti l-istess ammont mill-fondi tiegħu sabiex tkun tista' ssir.

8) Ittra mill-Ministru Tonio Fenech dwar skemi kummerċjali li qed jiġu offruti.

9) *E-mail* mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru dwar pubblikazzjonijiet 'Nieħduk Għawdex'.

10) *E-mail* mill-M.R.R.A. dwar tħawwil ta' żewġ siġriet bħala parti mill-kampanja 34U. Ser jitħawlu f'għalqa wara r-ristorant Ta' Frenċ.

11) *E-mail* mill-E.T.C. dwar sessjonijiet ta' informazzjoni dwar EURES – ser nikkuntattjawhom għal iktar dettalji.

12) Ittra mill-Kulleġġ ta' Għawdex dwar programm imsejjaħ 'Ilwien' iffinanzjat mill-E.S.F. Dan ġie diskuss waqt laqgħa għall-Kunsilli Lokali Għawdxin mas-Segretarju Parlamentari Dr. Chris Said li permezz tiegħu il-Kunsilli ikkommettew l-finanzjament meħtieġ.

Waqt din il-laqgħa ġie diskuss ukoll l-asfaltar tat-toroq residenzjali. Għalhekk ser nippreparaw lista ta' toroq li għadhom ma ġewx asfaltati nkluż dawk li huma responsabbilta' tal-Gvern Ċentrali.

13) Ittra mill-A.D.T. bl-approvazzjoni għall-parkeġġ riservat quddiem ta' Marija Refalo ta' 68, Triq Bullara. Ser naġġornaw il-lista ta' dawk li għandhom permess simili u nibagħtuha lill-Awtorita'.

14) Minuti tal-laqgħa tal-Kumitat Konġunt li saret il-Ġimgħa 30 ta' Ottubru, 2009.

15*)* Ittra mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali b'kopja ta' permessi relatati mal-*mobile kiosks*.

16) *E-mails* mill-A.K.L.:

- Direttiva dwar ħlasijiet għal servizz elettroniku u oħrajn relatati mar-rimi ta' skart;
- *Proġett Youth in Action* biex ninnominaw żgħażagħ sal-11 ta' Diċembru;
- Offerta ta' kompjuters użati mill-Awtorita Maltijat tal-Kommunikazzjoni – ser nivverifikaw dwarha.

17) *Spots* informattivi fuq it-tindif, attivitajiet konnessi mal-Milied u kors edukattiv għal dawk li ma jafux jaqraw u jiktbu li ser ikun imxandar fuq Radju Bambina.

18) *E-mail* mingħand Eddie Vella għal permess sabiex issir attivita' rikreazzjonali fil-bajja tar-Ramla fl-20 ta' Marzu 2010.

Is-Segretarju Eżekuttiv innota li fis-7 ta' Lulju 2010 ser jiġi ċċelebrat żwieġ ċivili f'din il-bajja.

19) *E-mails* mill-F.TZ., Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Kultura, Żgħażagħ u Sport u mill-M.E.U.S.A.C. dwar programmi ffinanzjati mill-Unjoni Ewropeja. Ser issir laqgħa nhar it-Tlieta 15 ta' Diċembru ma' l-uffiċjali tal-M.E.U.S.A.C.

20) Informazzjoni mill-Għaqda Milied fix-Xagħra dwar l-attivitajiet li għandhom għal żmien il-Milied.

21) Konkors 'Familja Qalb tad-Deheb' fejn talbuna nibgħatu n-nominazzjonijiet tagħna sal-Erbgħa 23 ta' Diċembru 2009.

22) Ittra mill-Kunsill Nazzjonali taż-Żgħażagħ sabiex ninnominaw xi parteċipanti għal din l-inizjattiva.

23) Informazzjoni minn *Green M.T.* u *GreenPak* dwar skemi ta' kumpens għall-inizjattivi ambjentali. Ser nikkunsidraw dawn l-offerti u mbagħad niddeċiedu dwarhom.

24) Invit għall-*Gozo International Celebration* nhar il-Ħadd 13 ta' Diċembru fil-Knisja Parrokkjali ta' San Ġużepp, il-Qala.

25) Ittra mingħand *Casa Rocca Piccola* b'offerti biex inżuru dan il-palazz storiku fil-Belt Valletta.

26) *E-mail* mingħand *Innovaxin* dwar programm iffinanzjat minn fondi Ewropej għal taħriġ ta' artisti li x-xogħol tagħhom iservi ta' attrazzjoni turistika. Ser nivverifikaw dwar it-talba tiegħu li nagħtuh lista ta' dawn l-artisti.

27) Ittra mingħand Josephine Azzopardi ta' 28, Triq Ġnien Xibla li qed toġġezzjona li jsiru xogħlijiet fl-isqaq fejn toqgħod.

28) Ilment mingħand Vicky Xerri ta' 97, Triq Sant'Anton sabiex titranġa l-bankina quddiem ir-residenza tagħha. Ser nagħmluha mal-lista ta' dawk pendenti.

29) Ilment mingħand Emanuel Sultana ta' triq ġdida fi Triq Għajn Qamar sabiex titranġa din it-triq. Din it-triq hi responsabbilta' tal-Gvern Ċentrali peress li qatt ma kienet asfaltata.

30) Ilment mingħand Lorenza Sultana ta' 14, Triq Għonqa sabiex isiru sinjali li jimmaniġġjaw it-traffiku fil-kantuniera bejn Triq Għajn Qamar u Triq Masri. Ser ngħaddu din it-talba lill-A.D.T.

31) Ilment mingħand Maryanne Mercieca ta' 4, *Wuthering Heights*, Triq Laurent Ropa minħabba problema ta' boroż ta' skart. Din il-problema hi solvuta.

32) Ilment dwar triq mimlija skart ħdejn il-Knisja ta' Ħamet. Is-Segretarju Eżekuttiv innota li rrefera l-każ lil Anthony Debono peress li hi responsabbilta' tal-Gvern Ċentrali.

33) Ilment mingħand Ersilia Bigeni ta' 149, Triq it-Tiġrija, Xagħra dwar bankina mkissra wara xi xogħol mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma. Ser titniżżel mal-lista tal-bankini pendenti.

34) Ilment mingħand Paul Sultana ta' 65, Triq Parisot li qed jitlob sinjali li jipprojbixxu l-ipparkjar quddiem ir-residenza tiegħu. Il-Kunsill m'aċċettax din it-talba għaliex mhix ġustifikata.

35) Ilment mingħand Eucharist Grech ta' 86, Triq it-Tiġrija li qed jitlob sinjali li jipprojbixxu l-ipparkjar quddiem ir-residenza tiegħu. Ser ngħaddi din it-talba lill-A.D.T.

36) Ilment sabiex titranġa barrier ħdejn is-*Supermarket Crai* fi Triq il-Knisja. Ser inqabbdu lill-ħaddiema assenjati magħna.

37) Ilment mingħand Mario Sultana ta' 78, Triq Jannar dwar problema mal-bankina tar-residenza tiegħu. Ser nibagħtu lill-ħaddiema assenjati magħna.

38) Ilment mingħand Mary Hazel Gunnell ta' *Hunters' Lodge*, Triq Kaċċaturi li qed tilmenta minħabba problema ta' ġbir ta' skart. Ser nikkuntattjaw lill-kuntratturi.

Is-Segretarju Eżekuttiv innota li DM Harding ta' Ramla Bay Court, Triq ta' Gajdoru qed toħroġ l-iskart mhux fil-ħinijiet tal-ġbir u qed nippruvaw nikkuntattjawha.

**APPROVAZZJONI TAL-PAGAMENTI**

Il-Kunsill approva unanimament dawn il-pagamenti:

| Nru taċ-ċekk | Deskrizzjoni taċ-ċekk | Ammont (€) | Nru. Ta' l-*Account* |
|---|---|---|---|
| 4331 | Kumitat Kunsilli Enerġija Alternattiva (offerta pubblika flimkien ma' kunsilli lokali oħrajn) | 100.00 | 3065 |
| 4332 | Maltapost (pustaġġ - Kunċert tal-Milied) | 73.72 | 3370 |
| 4333 | Cash (rimbors ta' spejjeż) | 106.96 | |
| 4334 | Maltapost p.l.c. (pustaġġ ta' magazine li jfakkar il-ħmistax-il anniversarju mit-twaqqif tal-Kunsilli Lokali) | 102.60 | 2960 |
| 4335 | Mary Carmen Bajada (rimbors ta' spejjeż relatati ma' telefonati fuq xogħol tal-Kunsill) | 149.40 | 2160 |
| 4336 | Mario Gauci (servizz ta' knis ta' diversi toroq matul ix-xahar ta' Diċembru 2009) | 230.00 | 3051 |
| 4337 | Fortunato Camilleri (servizz ta' knis ta' diversi toroq matul ix-xahar ta' Diċembru 2009) | 230.00 | 3051 |
| 4338 | Joseph Refalo (servizz ta' knis ta' diversi toroq matul ix-xahar ta' Diċembru 2009) | 230.00 | 3051 |
| 4339 | Lewis Bajada (servizz ta' knis ta' diversi toroq matul ix-xahar ta' Diċembru 2009) | 230.00 | 3051 |
| 4340 | Marvic Xerri (servizz ta' knis ta' diversi toroq matul ix-xahar ta' Diċembru 2009) | 230.00 | 3051 |
| 4341 | Joseph Azzopardi (salarju għax-xahar ta' Diċembru 2009 li jinkludi l-*bonus* statutorju tal-Gvern u *degree allowance*) | 1574.65 | 1200/ 1300/ 1600 |
| 4342 | Josephine Sultana (salarju għax-xahar ta' Diċembru 2009 li jinkludi l-*bonus* tal-Gvern) | 1220.47 | 1200/ 1300 |
| Nru taċ-ċekk | Deskrizzjoni taċ-ċekk | Ammont (€) | Nru. Ta' l-*Account* |
| 4343 | Ivan Attard (salarju għax-xahar ta' Diċembru 2009 li jinkludi l-*bonus* tal-Gvern) | 1066.39 | 1200/ 1300 |
| 4344 | Joseph Cordina (onorarja tas-Sindku għax-xahar ta' Diċembru 2009) | 324.98 | 1100 |
| 4345 | Refalo Signs – Raphael Refalo (sinjali ġodda tat-traffiku) | 360.00 | 7230 |
| 4346 | Bartolo Catering (kejkijiet għall-anzjani fl-okkażjoni ta' għeluq sninhom) | 22.30 | 3380 |
| 4347 | Michael Attard | 40.00 | 3410 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | (servizz ta' infermier għall-għoti tal-vaċċin kontra l-influwenza fl-uffiċċju tal-Kunsill u fiċ-Ċentru ta' Matul il-Jum għall-Anzjani) | | |
| 4348 | Manuel Sultana<br>(bini ta' diversi ħitan tas-sejjieħ) | 1816.56 | 2370 |
| 4349 | Louis Hili<br>(materjal għal diversi xogħlijiet) | 562.89 | 2370 |
| Nru taċ-ċekk | Deskrizzjoni taċ-ċekk | Ammont (€) | Nru. Ta' l-*Account* |
| 4350 | Charles Azzopardi<br>(*refreshments* għall-anzjani fl-okkażjoni tal-festa tan-Nazzarenu) | 98.18 | 3380 |
| 4351 | Ronnie Mizzi (xiri ta' katina) | 5.08 | 2370 |
| 4352 | P & J Debono Construction Limited<br>(servizz ta' *bobcat* għall-knis ta' toroq) | 400.73 | 3051 |
| 4353 | Victor's (*cordless microphone* għaċ-Ċentru ta' Matul il-Jum għall-anzjani) | 175.00 | 3380 |
| 4354 | Melita p.l.c.<br>(kera u *charges* tal-linja tat-telefon *Hello*) | 108.06 | 2160 |
| 4355 | Joe Cordina (rimbors ta' spejjeż relatati maż-żjara tad-delegazzjoni tal-Kunsill f'Carmignano) | 188.50 | 2820 |
| 4356 | *Gozo Press* (materjal stampat għal żewġ attivitajiet f'Settembru u Ottubru) | 50.50 | 3370 |
| 4357 | Go p.l.c. (kera u *charges* tal-linji tat-telefon) | 196.65 | 2150/<br>2160 |
| 4358 | Accountant Public Cleansing Section Gozo (servizz mogħti għax-xahar ta' Ottubru 2009) | 404.86 | 3051 |
| 4359 | Gatt Enterprises Limited (*supply* ta' ramel) | 113.40 | 2370 |
| 4360 | K.I.P. Għawdex Limited (servizz ta' ġbir ta' skart domestiku matul ix-xahar ta' Novembru 2009) | 3466.25 | 3041 |
| 4361 | Marpo (materjal għal diversi xogħlijiet) | 30.00 | 2370 |
| 4362 | William Sultana (*upgrade* tas-sit elettroniku tal-Kunsill – www.xaghra.com) | 40.00 | 3110 |
| Nru taċ-cekk | Deskrizzjoni taċ-ċekk | Ammont (€) | Nru. Ta' l-*Account* |
| 4363 | Michael Mercieca (diversi xogħlijiet ta' manutenzjoni fuq diversi bankini) | 951.50 | 2370 |
| 4364 | Francis Saviour Muscat (xogħlijiet magħmula fuq diversi bankini madwar il-lokalita') | 1371.75 | 2370 |
| 4365 | Waste Serv Malta Limited (kiri ta' *bins* għall-*bring-in-sites* u miżati relatati mad-*dumping*) | 345.73 | 3040 |
| 4366 | Cini Service Station (*fuel* u cards tal-*mobile*) | 332.50 | 2160/<br>2750 |
| 4367 | S. K. S. (xiri tal-ktieb 'Pupu fil-Baħar) | 10.00 | 2995 |
| 4368 | Galea Curmi Engineering Consultants (*Contract Manag* – dawl fit-toroq- Novembru) | 116.98 | 3065 |
| Nru taċ-ċekk | Deskrizzjoni taċ-ċekk | Ammont (€) | Nru. Ta' l-*Account* |
| 4369 | JCR Limited (materjal għall-bankini) | 220.66 | 2312 |
| 4370 | Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali | 63.00 | 3030 |

| Nru taċ-ċekk | Deskrizzjoni taċ-ċekk | Ammont (€) | Nru. Ta' l-*Account* |
|---|---|---|---|
| | (assikurazzjoni fuq il-flus kontanti fl-uffiċċju tal-Kunsill) | | |
| 4371 | Kummissarju tat-Taxxi Interni (P.A.Y.E. u N.I. ta' l-impjegati fl-uffiċċju tal-Kunsill għax-xahar ta' Diċembru 2009) | 1435.04 | 1200/ 1300/ 1500/ 1600 |
| 4372 | Joseph Vella (xogħol ta' manutenzjoni) | 1025.60 | 2370 |
| | **TOTAL:** | **16,844.24** | |

Il-laqgħa spiċċat fil-11.30 p.m.

Laqgħa ohra ser issir nhar l-Erbgħa 6 ta' Jannar 2010 fis-6.00 p.m.

**Joseph Cordina**
**Sindku**

**Joseph Azzopardi**
**Segretarju Eżekuttiv**